MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2014

Numru. 8/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Michael Angelo Xerri**

Numru: 8/2013

Illum 8 ta' Lulju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Michael Angelo Xerri**, ta' hamsa u erbghin (45) sena, iben il-mejtin Joseph u Judith neé Zammit, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar

il-11 ta' Jannar 1967, u joqghod 'Palma ta' Cades', Triq Sant' Anton, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 1567(G), akkuzat talli nhar it-22 ta' Novembru 2012, ghall-habta ta' 4.30 ta' wara nofsinhar, gewwa Triq Sant'Anton, Xaghra u jew fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioé offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Eucaristico Sultana u dan *ai termini* tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi stieden ghall-glied bil-gebel lil Eucaristico Sultana;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba illi, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Eucaristico Sultana u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon-ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 83) datata 21 ta' April 2014 (*a fol.* 83) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- fl-Artikoli 17, 31, 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 214, 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 339(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' April 2014 (*a fol.* 85), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' April 2014 (*a fol.* 83), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, gie verbalizzat is-segwenti:

> "Eucaristico Sultana [il-kwerelant] nforma lill-Qorti li huwa ma kienx se jixhed f'dawn il-proceduri *stante* illi hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghu fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Eucaristico Sultana" (Kawza Nru. 84/2013), dana sabiex ma jinkriminax ruhu.
>
> Il-Qorti ghal kull buon fini tinnota illi fil-kawza "Il-Pulizija vs. Eucaristico Sultana" l-imputat Eucaristico Sultana kien obbliga ruhu li bl-ebda mod ma jdejjaq, jimmolesta jew ikellem lill-imputat fil-kawza odjerna".

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Rat li, fis-seduta tallum, gie verbalizzat is-segwenti:

> "L-imputat obbliga ruhu li bl-ebda mod ma jdejjaq, jimmolesta jew ikellem lill-kwerelant Eucaristo Sultana.
>
> Dr. Angele Agius ghall-kwerelant infurmat lill-Qorti li hija awtorizzata da parte tal-kwerelant sabiex hija tirrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat".

Semghet, fis-seduta tallum, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni, tal-*parte civile* u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li minn dak li jirrizulta mill-atti processwali l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentment pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat Michael Angelo Xerri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, in segwitu ta’ dak dikjarat mill-*parte civile*, fejn saret rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------